**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 27 ta' Frar, 2020**

**Rikors Guramentat numru : 56/19 AL**

**A B**
**(KI 514881M)**
**-vs-**

**Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi tal-assenti R S**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-esponenti zzewweg lil R S fl-1 ta' Lulju tas-sena 2003 (vide certifikat taz-zwieg hawn anness u markat Dok. "A") u minn dan iz-zwieg ma kien hemm l-ebda wild;
2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba illi l-intimata abbandunat lil zewgha wara biss ftit jiem miz-zwieg taghhom u sa fejn jaf l-esponenti, l-intimata telqet minn Malta;
3. Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata *de facto* ghal dal-ahhar sittax -il sena u ghalhekk ma hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejniethom;
4. Illi r-rikorrent gie debitament awtorizzat jipprocedi b'separazzjoni personali minnma' martu, mill-Qorti Civli (Sezzjoni tal-Familja)

permezz ta' digriet datat tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) (kopja ta' liema digriet jinsab hawn anness u mmarkat Dok. B);

Talab ghar-ragunijiet premessi, li l-intimata tghid ghaliex din il-qorti m'ghandhiex :-

1. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dan kollu okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi jekk ikun hemm il-htiega u bin-nomina ta' natura sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-intiamta fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.
2. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66b tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghal ragunijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-intimata, li abbandunat lil zewgha sitaxx -il sena ilu;
3. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimata l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Tiddikjara illi l-intimata ddekadiet minn kull dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand ir-rikorent.
5. Tiddividi l-gid l-iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;
6. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati li permezz taghha eccepew (fol 14):

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minnissa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista` ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimata.

2. Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Semgħet lix-xhieda illi tressqu, rat il-provi prodotti, id-dokumenti li ġew esebiti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll talba għall-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġie mitlub ukoll li jiġu applikati kontra l-intimata d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi kull referenza għall-"konvenuta" f'din is-sentenza hija referenza għall-konvenuta assenti u mhux għall-kuraturi deputati li jirrapreżentawha fl-assenza tagħha.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti: Ir-rikorrent iżżewweġ lil R S fl-1 ta' Lulju 2003, kif jidher mill-att taż-Żwieġ esebit a fol 4 tal-proċess. Ir-rikorrent sostna li wara biss fitt jiem wara ż-żwieġ, il-konvenuta abbandunatu, b'mod li llum il-ġurnata ilhom igħixu separatament *de facto* għal dawn l-aħħar sittax-il sena. Jirriżulta wkoll, li permezz ta' digriet datat 30 ta' Jannar 2019, ir-rikorrent ġie awtorizzat jipproċedi b'separazzjoni personali minn ma' martu, liema digriet jinsab esebit a fol 7 tal-proċess.

<u>Provi:</u>

Illi l-attur xehed permezz ta' affidavit u qal li fl-2003 kien għaddej minn perjodu diffiċli f'ħajtu, kien jabbuża mid-droga, u perSa kienet offrietlu ammont sostanzjali ta' flus biex jiżżewweġ lil mara Ċiniża, u b'kollox ġie offrut LM800, u b'hekk hu kien aċċetta u ġie organiżżat iż-żwieġ ma' din il-mara Ċiniża, R S, l-attur kien raha darba biss qabel iż-żwieġ. L-attur kompla jixhed li huma qatt ma għexu flimkien, u ma kellu l-ebda

kuntatt ieħor ma' R S, wara ż-żwieġ hi kienet kompliet tgħix ħajjitha, u hu lanqas biss jaf jekk baqgħetx tgħix f'Malta jew marritx f'post ieħor. Żied igħid li maż-żmien hu għeleb il-vizzji tad-droga, beda igħix ħajja normali, u meta ommu marret tistaqsi  jekk jikwalifikax għal post tal-Gvern, kienu infurmawha li bħala perSa miżżewweġ hu ma kienx jikkwalifika. Għalhekk, hu jixtieq li jikkoreġi l-iżball li kien għamel.

Illi l-attur xehed ulterjorment u qal li llum hu ma jaħdimx, jirreġistra, u lanqas kontijiet il-Bank m'għandu għax bħalissa m'għandux flus. Dwar il-mara Ċiniża li kien iżżewweġ, meta żżewwiġha kienet l-aħħar ġurnata li raha. Huwa xehed li bejniethom  hu u l-konvenuta ma kellhomx proprjeta` u lanqas vetturi. Xehed li lanqas biss kien ħaseb fejn ser joqgħod ma' din il-mara Ċiniża, kemm iżżewiġha u daqshekk, għax kien għadu moħħ ir-riħ u hi kienet telqet u ma jafx fejn marret. Dwar R S xehed li hi ma kinitx taħdem u lanqas kellha depożiti l-Bank. Spjega li dan kien żwieġ ta' konvenjenza.

Illi xehdet Maria Doris B permezz ta' affidavit, fejn qalet li hi kellha erbat itfal, iżda A biss għadu jgħix magħha u għadu jgħix magħha sal-lum. Xehdet li saret taf li binha A kien verament miżżewweġ meta marret l-Awtorita tad-Djar tistaqsi jekk binha jikwalifikax għal post tal-Gvern, u infurmawha li kien miżżewweġ. Hija kompliet tixhed illi meta hu kien xi drabi jgħid li kien iżżewweġ, hija dejjem ħaditu  biċ-ċajt.  Dwar R S, xehdet li ma tafx assolutament min hi u u qalet li binha A dejjem għex magħha fid-dar.

<u>PRINĊIPJI LEGALI:</u>

<u>Dwar it-terminazzjoni  u d-Diviżjoni   tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>

Illi fl-ewwel lok, bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qegħda tittermina u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti sa issa eżistenti bejn il-partijiet.

Illi mix-xiehda tar-rikorrent jirriżulta li ż-żwieġ tal-kontendenti ma damx lanqas jiem, għalhekk kif ikkonferma l-istess rikorrenti l-partijiet ma kellhomx fond matrimonjali, la vetturi, u lanqas flus jew depożiti bankarji. Għalhekk, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn telenka fhiex kienet tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet, stante li ma jirriżultax li kien hemm l-ebda proprjetà` assi, vetturi jew flus bankarji.

Tenut kont ta' dawn il-fatt u ċirkostanzi, il-Qorti qegħda xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, u tiddikjara li m'hemmx lok ta' likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet peress li l-komunjoni tal-akkwisti ma kinitx tikkonsisti fl-ebda assi.

Dwar id-Dekadenzi Stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili.

L-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-intimat.

Illi huwa mandatarju illi l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili jiġi applikat fil-konfront ta' min għandu tort mill-partijiet, f'każ ta' abbandun jew ta' adulterju. Fir-rigward tal-motivi l-oħra ta' separazzjoni personali, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16 jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jgħid hekk:

"48. (1) Il-parti, ir-raġel, jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef:
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[1];
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jtqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ. "

Illi fil-każ in eżami, ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa immedjatament, u ċjoe` siegħat biss wara d-data taż-żwieġ, peress li r-rikorrent kien tħallas għal dan iż-żwieġ u l-konvenuta telqet mill-ewwel mingħajr ma reġa raha; hu qatt ma sema' b'aħbarha. Illi dawn il-fatti u okkorrenzi huma kollha inkontestati. Iżda, fil-każ odjern, saret talba fis-sens li t-talba għal separazzjoni tiġi konvertita f'talba ta' ħall ta' żwieġ għalhekk m'hemmx lok ta' indaġini dwar min kien ħati għat-tkissir taż-żwieġ. Madankollu, peress li r-rikorrent ma semax aktar b'aħbar il-konvenuta għal aktar minn sittax-il sena, din il-Qorti tista tiddikjara li l-intimata

[1] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

iddekadiet mill-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom li tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment mingħand ir-rikorrenti u wkoll li hija tilfet kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilha wara l-mewt tar-rikorrenti.

Talba biex il-każ jiġi konvertit f'talba għall-ħall taż-żwieġ.

Din il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rikors ippreżentat mill-attur fl-10 ta' Ottubru 2019, fejn ir-rikorrent talab li fiċ-ċirkostanzi, dawn il-proċeduri jiġu konvertiti minn talba għal separazzjoni għal talba għall-pronunzjament ta' divorzju, fejn din il-Qorti, permezz ta' digriet datat 26 ta' Novembru 2019, irriservat li tipprovdi fi stadju opportun.

Illi wara eżami tal-atti tal-kawża, il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekiżiti kollha meħtieġa bil-Liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul , u dan peress li pprova li hu u l-konvenuta ilhom *de facto* separati, sa minn siegħat wara dakinhar taż-żwieġ, u ċjoe` ilhom separati *de facto* għal aktar minn sittax-il sena.

Illi l-Qorti rat ukoll li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talba tar-rikorrent u tipronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u xxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet. Tiddikjara wkoll li l-konvenuta iddekadiet minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u l-ħila tar-rikorrent.
2. Tilqa' t-tieni talba u tipronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.
3. Tilqa' t-tielet talba u tapplika in toto kontra l-intimata l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Arttikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Tilqa’ r-raba talba u tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kull dritt li titlob jew tipperċepixxi manteniment mingħand ir-rikorrent.
5. Tiċħad il-ħames talba tar-rikorrent stante li ma jirriżulta li kien hemm l-ebda ġid komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.
6. Tilqa’ s-sitt talba u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien għaxart ijiem mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata, b’dan illi r-rikorrenti għandu jħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-kuraturi deputati f’ din il-kawża.